**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paola Ciantar)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Nawaf Khasem**

**Illum 8 ta' April, 2018**

**Kumpilazzjoni 221/2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nawaf Khasem** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0154292A billi huwa akkuzat talli nhar is-7 t'April 2018 fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, f'San Ġiljan u dawn il-gżejjer ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta` u cioe Ricarda Berg ta' 15-il sena.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Ricarda Berg, u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Ricarda Berg ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar is-sentenza li ghandha tinghata f'dan il-kaz wara li rrizulta li dak li sehh bejn l-imputat u tfajla ta' 15-il sena sar bil-kunsens taghha, li hi ghandha statura li taghtik l-impressjoni li hi maggorenni u li kienet f'post tad-divertiment li fih ma kelliex tkun.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l- fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l- imputazzjoni migjuba kontra u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet snin.

Finalment tordna li isem u kunjom il-minuri m'ghandhomx jigu pubblikati f' xi mezz tax-xandir jew tal- istampa u lanqas fuq l-internet.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**